KLR 41/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

1. **Mill-Minuti**

1.1 Dwar il-*hanger* tal-iskart li kellu jeħel f'taċ-Ċawla H. E. ma weħilx minħabba lmenti ta' xi residenti, il-membri qablu li l-kuntrattur għandu jwaħħlu fil-presenza tal-pulizija.

1.2 Tressqet stima sabiex titranġa l-bankina quddiem *blocks* EA u EB f'taċ-Ċawla peress li għandha livelli ħżiena bil-konsegwenza li meta tgħamel ix-xita jinżamm l-ilma quddiem il-bibien tal-*blocks*. Il-Perit għandu jgħamel l-istima hu kif kein maqbul fil-laqgħa preċedenti.

1.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ż-żjara tal-Prim Ministru tħassret u se jgħaddulna data oħra f'Diċembru.

**2. Mozzjonijeit f'isem il-Membri**

Mozzjoni nurmu 63 ġiet imressqa mill-kunsillier Portelli u ssekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni numru 63**

**Permezz ta' din il-mozzjoni, qed nitlob lill-Kunsill Lokai tal-Belt Victoria, biex jagħti parir lit-Transport Malta biex tibdel lill-Triq ta' Wara s-Sur f'*one way* matul il-jum kollu fid-direzzjoni minn Triq Kapuċċini lejn Triq Wied is-Seqer. Dan it-tibdil jikkonċerna biss dik il-parti bejn dawn iż-żewġ triqat imsemmija hawn fuq. Dan qed jipproponih primarjament għar-raġuni li l-volum tat-traffiku f'din it-tirq, speċjalment ta' vetturi kbar, żdied ħafna f'dawn l-aħħar snin, bir-riżultat ta' konġestjoni u tniġġis fl-arja. L-unika eċċezzjoi għandha tkun għall-karozzi tal-linja li għandhom ikunu permessi li jgħaddu mir-rotot kif diġa' stabbiliti.**

Il-kunsillier Portelli ressaq petizzjoni ffirmata mir-residenti ta' din it-triq li turi li jaqblu ma din it-talba. Billi bħalissa qed isir ix-xogħol ta' tarmac fit-toroq Wied is-Seqer u Sagħtar, il-membri qablu li l-Kunsill jitlob permess lit-Transport Malta sabiex din it-talba tiġi fis-seħħ wara li jintemm ix-xogħol tat-toroq imsemmija.

**3. Attivita' tal-Ewwel tas-Sena**

Il-membri qablu li minnbarra l-Winter Moods ikun hawn ukoll il-*bands* Crosswalk, Strait Ahead, The Quest u l-kantanta Carrie Haber. Is-Segretarju Ezekuttiv għarrfet lill-presenti li l-*quotations* għall-kiri tas-*sound* jagħlqu nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2012 u tal-kiri tat-tined, dwal u palkijiet jagħlqu l-Erbgħa 12 ta' Diċembru. Qablu wkoll li jsir reklam fil-pubblikazzjoni tal-kalendarju kulturali t'Għawdex li toħroġ it-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

**4. *Victoria Playing Field***

Sar qbil li l-membri tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni fuq l-offerta tal-Contracts Manager ikunu il-Vi`i Sindku Macel Tabone, l-Perit Gordon Vella u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ressaq it-*3D renderings* kemm tal-proġett tal-*playing field* u kemm tal-proġett tal-ERDF.

**5. *ERDF 249: Setting of an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria***

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li fil-ġranet li ġejjijn se tngħareġ l-offerta li tkopri l-x-xogħol li għandu x'jaqsam mad-dawl. L-offerta tal-*Projects Administrator* tinsab fil-proċess u qed tinħadem sabiex tinħareġ.

**6. Toroq taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership (PPP)***

Il-membri qablu li l-bankini għalissa mhux ser isiru. Dan kif kien diġa maqbul meta nħarġu l-offerti ta' dan il-proġett. Il-bankini jsiru meta l-Kunsill ikollu fondi biżżejjed.

**7. *Performance Bonus***

Il-membri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv u l-i*staff* jingħataw il-massimu tal-*perfomance bonus*.

**8. Kontijiet pendenti Pjazza San Ġorġ**

Il-Perit Edward Scerri ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega l-kontjiet pendenti li baqa jitħallsu lill-Joe Grima fuq il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ. Il-Perit spjega d-dettalji u ta' dan għandu jressaq rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa tressaq il-pagamenti mħallsa s-issa lill-Joe Grima ta' Pjazza San Ġorġ.

**9. Korrispondenza**

Tressqet din il-korrispondenza mingħand:-

9.1 it-Transport Malta (TM) fejn:-
9.1.1 ma nħariġx il-permess għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem 77, Triq Sant'Orsla;
9.1.2 ma nħariġx il-permess għall-*bollards* quddiem il-klinika tad-dentist Franco Mercieca fi Pjazza J F Kennedy;
9.1.3 inħareġ il-permess sabiex isir parkeġġ tal-muturi fi Triq Sant'Ursola u *5 metre double yellow line* fil-kantuniera ma Triq Gedrin;
9.1.4 ma ssibx oġġezzjoni li jsir *double yellow line* faċċata tal-garaxx 67, fi Triq Pompei. Dan dejjem jekk is-sid tal-propjeta' ma jsibx oġġezzjoni, li filfatt il-Kunsill diġa ġie mgħarraf li dan qed joġġezzjona. L-alternattiva li offriet TM hi li jew is-sinjali jsiru biswit dan il-garaxx li wkoll irid jinġab il-kunsnes ta'sid il-propjeta', jew jinżebgħu il-parkeġġi n-naħħa tal-garaxx, jiġifieri n-naħħa l-oħra tat-triq fejn jipparkjaw il-vetturi llum. Billi din l-alternattiva mhix prattika l-Kunsill mhux ta' l-opinjoni li jintmessu l-parkeġġ minn kif inhuma. It-TM għandha tiġi mgħarrfa b'dan;
9.1.5 inħareġ il-permess biex isiru l-*parking bays* fi Triq Pawlu Portelli;

9.2 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali , Memo 49/2012, fuq Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni fuq proġett fejn jiġu offruti faċilitajiet sportivi alternattivi mill-futbol li jikkonsiosti fuq *volleyball* femminili u *basketball* għall-ġuvintur;

9.3 l-Assoċjazzjoni għal-Kunsilli Lokali fejn intbgħatet pjanta li turi r-rottot li ġew indentifikati bħala *bicycle routes*. Din ir-rotta saret mill-MTA flimkien ma esperti f'dan il-qasam;

9.4 il-Perit Edward Scerri rigward l-offerta tat-tqegħid mill-ġdid tal-porfido fi Triq San Ġorġ. Il-parir tal-Perit hu li billi intefgħet offerta waħda u r-rati offruti huma raġonevoli, l-offerta għandha tingħata lil Joseph Mercieca;

9.5 il-Gozo Business Chamber (GBC) fejn:-
9.5.1 rigward il-Beat Obesity Roadshow li saret fi Triq Repubblika fit-3 ta' Novembru 2012. Il-GBC ilmentat għan-nom ta' diversi sidien ta' ħwienet rigward l-egħluq tat-triq;
9.5.2 rigward ilment li tressaq mis-sidien tal-ħwienet tal-area ta' Pjazza Savina. Dan minħabba l-fatt li wara nofs in-nhar qed ikun hemm gwardjan lokali li ma jħallix il-*coaches* iniżżlu lit-turisti f'din il-pjazza. Qed jiġi suġġerit li jitħalla parkeġġ risevat għal dawn il-*coaches* bejn is-13.00 u l-16.00. biex ikun jistgħu jitilgħu it-truisti. Fuq din il-materja l-Kunsill irċieva wkoll petizzjoni ffirmata minn diversi sidien tal-ħwienet qrib u fi Pjazza Savina. Il-Kunsill mhux tal-opinjoni li jsiru dawn il-parkeġġi risevati, pero' sar qbil li l-gwardjani lokali jgħatu servizz ta' immaniġjar tat-traffiku f'dan il-ħin kemxejn kritku;

9.6 Dr Robert G Xuereb li talab *3 metre douyble yellow line* maġenb il-garaxx tiegħu li hu 'Girna' 2, Triq Pompei. Il-membri qablu li qabel jintalab il-permess tat-TM biex isir *single*

*yellow line* maġenb il-garaxx ta' Dr Xuereb, dan għandu jġib il-kunsens iffirmat min sid il-propjeta' ta biswit il-garaxx tiegħu;

9.7 il-Gozo Agricultural and Industrial Society fejn ressqu lment li meta l-ħaddiema tagħhom qed ikunu fil-ġrawnd Leli Farruġia biex jarmaw għall-Wirja Biedja u Snajja' li ssir f'Santa Marija, qed isibu ntoppi ma minn ikun qed jieħu ħsieb il-grawnd biex jintuża bħala parkeġġ. Dan dejjem ikun rappreżentant tal-klabbs tal-futbol tar-Rabat. Il-Kunsill se jgħarraf lill-klabbs b'dan;

9.8 l-ETC fejn ġiet imġedda għall-sitt xhur oħra l-parteċipazzjoni ta' Anġelo Cremona fl-iskema xogħol fil-komunita';

9.9 il-kap tal-iskola primarja tar-Rabat fejn talab li l-Kunsill Skolastiku jiltaqa' mal-Kunsill tal-Belt Victoria. Il-membri qablu ma dan;

9.10 il-MEPA rigward PA/04303/07 – *request for minor amendments to permission* fil-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika sabiex jinġabu fondi mill-UIF fi ħdan il-MEPA biex hekk ikun jista' jiġi finanzjat dan il-proġett;

9.11 Saviour Debono, Segretarju tal-Public Contracts Reviev Board (PCRB) rigward l-appell li sar mill-KIP rigward l-offerta tal-ġbir tal-iskart organiku. Id-deċiżjoni ta' dan il-Bord hi li l-KIP għandha raġun tressaq dan l-appell u fir-rapport hemm spjega dettaljata ta' kif il-PCRB ikkonkludiet li l-Kunsill għandu jgħati din l-offerta lill-KIP. Il-membri qablu li l-offerta għandha tingħata lill-KIP;

9.12 il-Gozo Horse Racing Assocaition rigward attvitia' li se ssir fil-bidu ta' Diċembru;

9.13 id-Direttur Joseph Portelli rigward perklu li jinsab fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Billi dan il-periklu ġie kkawżat minn kuntratur privat, il-membrti qablu li l-Perit Scerri għandu jgħamel rapport u sadanittant il-Kunsill itella ċint ta' tlett filati sabiex jiġu evitati nċidenti bla bżonn;

9.14 id-Direttorat tal-Artijiet fejn il-Kunsill ġei mgħarraf li l-kera/devoluzzjoni tax-xelter ta' Triq id-Dejqa ġie mġedded għal tlett snin oħra;

9.15 il-Moviment Kerygma dwar il-Premju Żgħażugħ tas-Sena 2012.

## 10. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

10.1 l-Kunsill jixtri pittura tal-artist Rabti George Scicluna. Dan kif kien maqbul preċedentement li jinxtraw xogħolijiet ta'artisti Rabtin;

10.2 jintalab il-permess ta' Transport Malta (TM) sabiex:-

10.2.1 isir *un/loading* quddiem il-ħanut Mothercare fi Triq Fortunato Mizzi;

10.2.2 isir parkeġġ għall-muturi f'taċ-Ċawla H. E. qrib blokk FA;

10.3 jiġi suġġerit lill-Kap tal-iskola Ninu Cremona sabiex jikkunsidra li l-parkeġġ ta' taħt l-iskola jkun miftuħ għall-vetturi tal-pubbliku wara l-ħinijiet tal-iskola;

10.4 jiġi rappurtat lill-Gwardjani Lokali li fl-*un/loading bay* li hemm quddiem l-iskola Sir M'Anġelo Refalo, qed ikun hemm trukk dejjem ipparkjat, b'detrimnet għar-residenti li ma jkunux jistgħu jgħamlu użu minn din il-kaxxa sabiex iħottu jew jgħabbu affarijiet fir-residenzi tagħhom. Ta' min jinnota li f'din il-parti ta' Triq Repubblika, l-parkeġġi naqsu minn meta reġgħet inbniet it-triq;

10.5 jitħallas it-trasport tal-Orkestra Nazzjonali mill-Imġarr għal-Katidral u lura. Dan meta din l-orkestra se ttella' kunċert tal-Milied nhar il-21 ta' Diċembru 2012;

10.6 bil-koperazzjoni tal-Fondazzjoni Belt Victoria, titqiegħed lapida kommemorattiva fi Pjazza San Ġorġ li tfakkar il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis. Il-Kunsill qed jivvota s-somma ta' €466 għal din il-lapida;

10.7 l-Kunsill jipparteċipa fil-festival Gaulitana li jsir bejn Marzu u April 2013. Il-Kunsill għandu jgħin fil-loġisitka ta' dan il-festival;

10.8 il-*vaction leave* li baqalu l-i*staff* jiġi mġedded għa-sena d-dieħla;

10.9 jinħareġ permess ta' *one day event* lill-Malta Communications Authority biex issir *roadshow* fil-parkeġġ ta' biswit l-Arkadia nahr id-9 ta' Diċembru 2012;

10.10 jittieħed il-parir tal-Avukat rigward il-problema li l-Enemalta mhix taqbel li d-dawl ta' Pjazza Indipendenza jinxtegħel mad-dawl pubbliku kif isir f'kull pjazza oħra. Sadanittant wara li l-Kunsill qabel li l-kont pendenti tal-*fairy lights* li lanqas għadhom jezistu, ma jitħallasx, il-Kunsill għadu jirċievi l-kont bi twissija li se jinqata' dan id-dawl u li filfatt ilu xhur li nqata';

10.11 jitranġa *railing* tal-ħadid li jinsab qabel tibda r-raħal ta' Kerċem. Dan jinsab fuq ir-riħ ta' Wied il-Lunzjata. Qabel kien hemm ċint tal-ġebel, pero' dan twaqqa' mill-ilma tax-xita;

10.12 jsiru bankini ġodda quddiem 'Eagle' fi Triq it-8 ta' Diċembru u quddiem 'Aniċi' fi Triq 31 ta' Marzu. Dan peress li dawk eżistenti huma miksura;

10.13 l-fanali li hemm fil-*playing field* taċ-Ċawla jitneħħew peress li m'għadx baqalhom użu. Danw se jintrefgħu peress li għadhom f'kundizzjoni tajba;

10.14 l-arblu dekorattiv li kien jindika Żona Nichelino fil-*playing field* taċ-Ċawla jerġa jiġi ordnat Dan kien tkisser minn vandali;

10.15 jiġu ordnat arblu għal-salib it-torq fi Triq Repubblika li jindika l-ismijiet tat-toroq;

10.16 tintalab il-veduta tas-sidien tal-ħwienet ta' Pjazza San Ġorġ rigward il-ħinijiet għall-*un/loading*. Dan peress li l-MEPA tinsisti li waqt dan il-ħin m'għandux ikun hemm mwejjed u siġġijeit armati.

10.17 Tressqet pjanta ta' kif qed jiġi suġġerit li jsiru l-imwejjed siġġijiet u rampa quddiem ħanut ġdid tal-kafe' fi Pjazza San Ġorġ taħt l-arkati. Dan biex il-Kunsill jgħati n-*no objection* tiegħu biex jinħareġ il-permess tal-MEPA. Il-Kunsill ma jaqbilx li ssir kwalunkew forma ta' *platform* u qed jissuġġerixxi li tinħareġ l-*exemption* għall-aċċess bir-rampa.

10.18 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-pagament finali tal-Premju Nazzjonali għall-Apoġġ lill-Intrapriżi, intbagħat mill-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur. Dan l-aħħar pagament hu ta' €12,000.

10.19 Il-membri ġew mgħarrfa li r-residenti (żewġ familji) li ntalbu jaqblux jew le li l-isem tat-triq tagħhom jinbidel minn Triq il-Mitħna għall-Triq Suor Marċellina Tabone għadhom ma bgħatux il-fehma tagħhom.

10.20 Rigward l-iskemi li l-Awtorita tad-Djar għandha fil-*Housing Estate* taċ-Ċawla, il-membri ġew mgħarrfa li c-*Chairman* iltaqa' mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-punti li ħarġu huma dawn:- (i) rigward l-ewwel skema l-Awtorita' se tħallas is-somma ta' €744.25 lill-kuntrattur, li hija d-differenza bejn l-offerta u dak li sar. (ii) l-Awtorita' se tħallas €8,857 lill-kuntrattur tax-xogħol li sar fil-ħajt li nbena madwar il-piċċ tal-boċċi. L-Awtorita' mhix se tkopri d-differenza. (iii) Dwar it-tieni skema l-Awtorita'mhix se tħallas lill-kuntrattur sakemm il-binjiet magħżula u li kien hemm ix-xogħol mibdi, ma jitlestwx kollha kif kien maqbul. (iv) L-Awtorita' se twaqqaf din l-iskema ta' mautenzjoni tal-komun biex tkun tista' tgħamel evalwazzjoni aħjar; u (v) L-Awtorita' ser toħroġ sejħa pubblika biex ikun hemm *pool* ta' ħadddiema tal-Gvern li jistgħu jagħamlu x-xogħol fil-binjiet li baqa'.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru fil-17.30.

Dr Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv